# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## SEDUTA NRU 299 – L-Erbgħa 22 t'April, 2015
## AĠENDA

Talba

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2014

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Mark Vassallo
Il-Kunsilliera Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand Il-Kunsillieri Mariette Borg u Jesmond Tanti minħabba raġunijiet ta' xogħol ma setgħux ikunu preżenti

Is-Sindku ippropona li dawn it-talbiet jintlaqgħu. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 RAPPORT FINANZJARJU AWDITJAT

1.1 Is-Sindku qal li l-Awdituri ma laħqux lestew l-aġġustamenti tagħhom tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2014 qabel l-aħħar seduta. Huwa kien informat mis-Segretarju Eżekuttiv li r-rapport wasal propju illum u għalhekk sejjaħ din is-seduta biex il-Kunsill ikun jista' japprova dan ir-rapporat.

Huwa poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport.

Huwa stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jagħmel il-kummenti tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fir-rapport imħejji mill-*Accountants* tal-Kunsill, il-*Current Assets* kienu €270,231, u l-*Current Liabilities* kienu €260,776. B'hekk dawn irriżultaw f'*Working Capital Pożittiv* ta' €9,455.

Meta l-Awdituri għamlu aġġustamenti, il-*Current Assets* żdiedu għal €271,267 filwaqt li l-*Current Liabilities* niżlu għal €245,178. Dan ifisser li l-*Working Capital* pożittiv żdied għal €26,089.

Dan hu riżultat pożittiv meta tqis li s-sena 2013 intemment b'*working capital* negatattiv ta' madwar €30,000.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-Rapport bħala wieħed korrett.
Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

# GHELUQ TAS-SEDUTA

Wara l-approvazzjoni ta' dawn il-minuti, Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis-6.00pm.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum l-Erbgħa 22 t'April, 2015.**